IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA’ LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 61-2019(16_01_19)**

**16 ta’ Jannar 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**61.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

61.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

61.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 58-2018(05_11_18), 59-2018(12_11_18) u 60-2018(28_11_18) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B’hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

61.3.1 Fir-rapport tagħha, is-Sindku tat rendikont tal-attivitajiet u xogħlijiet li saru fil-Munxar u Ix-Xlendi.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi fix-Xlendi saru żewġ puntali għas-siġar tal-bruk u nġabru *pots* tax-Xlendi bil-*folklifter* u tpoġġew fejn il-Mitħna.

Hija infurmat ukoll li kienu nqatlu l-ħamiem selvaġġ li kien hemm fix-Xlendi.

Is-Sindku ħabbret illi kienet ħarġet it-*tender* Ref.: MXR/EU/05/2018 – *Tender for the restoration of Ix-Xlendi Coastal Tower* u tqassam *flyer* dwar il-ġbir ta' skart fix-Xlendi.

Hija ħabbret ukoll illi kien tħabbar il-*Master Plan* għax-Xlendi u ser jibda x-xogħol fil-parkeġġ.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi fil-Munxar saret is-Serata ta' Jum Il-Munxar u ngħata Ġieħ Il-Munxar 2018 u rikonoxximent lil ħames persuni, kienet saret ġabra mis-Sindku u mis-Sinjura Juliet Rose Attard – Kunsillier ta' €614.95 kif ukoll persuna privata tat €200 li wara dawn il-flus ġew ippreżentati lill-Eċċ. Tagħha Il-President ta' Malta li żaret Il-Munxar fit-23 ta' Diċembru 2018.

Hija infurmat ukoll li kienet saret il-ħarġa għat-tfal filwaqt li kienet tħassret il-ħarġa għal Natalis Notabilis f'Malta minħabba l-maltemp.

Is-Sindku ħabbret illi kienet ħarġet it-*tender* Ref.: MXR/006/2018 – *Tender for Resurfacing and Ancillary Works of Triq Munxar - Il-Munxar – Gozo*; saret laqgħa tal-*Adjudication Board* dwar sejħiet MXR/EU/05/2018 u MXR/006/2018; irċevejna l-flus mill-Ministeru għal Għawdex għall-asfaltar ta' Triq Munxar; ser jitqassam f'kull dar fil-Munxar u Ix-Xlendi romblu boroż tal-*organic waste* pprovduti mill-Wasteserv u l-*warden* dar fil-Munxar u kellem lil kull min għandu ingombru ta' materjal, karozzi bla numru ta' reġistrazzjoni u opri tal-baħar.

Hija ħabbret ukoll illi l-Kunsill ħa l-inizjattiva sabiex wara li ġew iqassmu l-*bins* mill-uffiċċju tal-Kunsill u ħadd ma kien avżat, talab lill-kuntrattur sabiex jerġa' jiġi l-Kunsill iqassam il-*bins*. Il-Kunsill ħa l-inizjattiva li jagħmel u jqassam *flyer* f'kull dar fil-Munxar u Ix-Xlendi. Il-Kunsill offra l-uffiċċju nhar ta' Sibt u damu sa kmieni waranofsinhar.

Is-Sindku elenkat lista ta' xogħlijiet li kienu saru fil-lokalità. Sar it-tiżjin tal-Milied mill-Munxar Falcons FC u l-Grupp Żgħażagħ Pawlini Munxarin, fil-Pjazza tal-Knisja nżebgħu *bollards* kif ukoll tranġat qasrija tal-injam, reġgħet saret il-mirja fi Triq Żgħawri, saret tabella *cul-de-sac* fi Triq Tal-Għarab, tranġat mirja fi Triq Munxar u saret tabella ġdida taħt l-*ex*-Andar Hotel.

**61.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

61.4.1 Is-Sinjura Juliet Rose Attard fakkret lill-Kunsill dwar iż-*zebra crossing* fil-Pjazza tal-Knisja eżattament minn fejn in-nies jaqsmu għal fuq iz-zuntier. Is-Sindku infurmatha li minflok *zebra crossing* ser isiru *pedestrian lights*.

61.4.2 Is-Sur Joseph Cauchi rrefera għall-Iskema ta' Attivitajiet imnedija mill-Ministeru għal Għawdex. L-ewwel *deadline* għaddiet u l-Kunsill jista' japplika fit-tieni sejħa. Il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar attività u *budget*.

61.4.3 Is-Sur Paul Curmi ġibed l-attenzjoni dwar ir-rikonoxximent li ngħataw mill-Kunsill f'Il-Munxar Day. Huwa appella sabiex darba oħra l-Kunsill jikkunsidra sew kif issir l-għażla.

Is-Sur Curmi ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat *flyer* lir-residenti ta' Triq Munxar sabiex jiġu infurmati bix-xogħlijiet li ser isiru u ssir ukoll laqgħa.
Huwa ssuġġerixxa wkoll sabiex l-appell dwar id-demmiela proposta fi Triq Żgħawri jibda jsir f'Għawdex. Is-Sindku kienet tkellmet dwar dan u rranġat. Hija infurmat lill-Kunsill li d-demmiela mhux ser ikun hemm bżonnha għaliex is-servizz qed jingħata b'xejn mill-Gvern.

61.4.4 Is-Sur Damien Spiteri fakkar dwar iż-żbir tas-siġar tal-Pjazza tal-Knisja u staqsa dwar fiex waslet il-*bus shelter* ta' quddiem Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Huwa wera x-xewqa li l-Kunsill jiġi kkonsultat dwar il-*Masterplan* tax-Xlendi.
Talba għaż-żabra ser issir f'Marzu 2019 sabiex ikun żmien qrib il-festa u ser inkellmu lil Transport Malta minħabba l-*bus shelter*.

**61.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

61.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li persuna li toqgħod fi Triq Dun Spir Gauci qed titlob sabiex *litter bin* li qiegħed bejn Triq il-Kalkara tal-Ġir u Triq Żgħawri jitneħħa minħabba li resident qed jitfa' skart tad-dar ġo fih. Ġie deċiż li dan jitħarrek minn postu u jitpoġġa *bin* aktar modern.

Il-Kunsill qed jirċievi diversi lmenti minħabba li f'kantuniera fi Triq iż-Żirżieb u Triq ir-Ranċiż qed jintefa' ż-żibel. Il-Kunsill kiteb diversi drabi lil-LESA iżda xorta għadu jintefa' żibel hemm. Il-Kunsill ser jinforma lill-Pulizija u jikkonsidra li ssir *CCTV*.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill għadu qed jistenna lill-HSBC Bank Malta plc sabiex iġedded il-kuntratt ta' kiri tal-*kiosk* tax-Xlendi.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*patching* li hemm ippjanat fix-Xlendi għadu ma sarx u l-kundizzjoni ħażina tat-toroq hija ta' inkonvenjent għall-pubbliku. Is-Sindku ser tkellem lill-kuntrattur.

Is-Segretarju Eżekuttiv għadu qed jistenna l-estimi riveduti tal-proġett tat-Torri tax-Xlendi mingħand il-Perit Hermann Bonnici. Dawn ser jintbagħtu lill-PPCD sabiex inġibu approvazzjoni li l-offerta għar-restawr tiġi *awarded* mingħajr ma jintużaw fondi tal-Kunsill.

**61.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

61.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 9/2018 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Sistema ta' *file sharing* (*IntraLocal*)'.

61.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 10/2018 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Allokazzjoni Finanzjarja għall-2019'.

61.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 1/2019 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki'.

61.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/13/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ħruġ ta' Permessi għal Depożitu ta' Krejn jew Makkinarju ieħor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi Bini jew Proġett ieħor li jwasslu għall-għeluq ta' triq jew parti minnha – Kunsill Lokali jrid javża lil Transport Malta erbat'ijiem qabel ma jsir ix-xogħol'.

61.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru DĠ/K/01/2019 mingħand id-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ħatra ta' Direttur-*Designate*'.

61.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/140 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'LESA Seminar - Traffic Management Services'. L-Assoċjazzjoni qed tinforma illi l-Aġenzija LESA ser tintroduċi sistema *online* ta' *Traffic Management Services* li ser tkun qed tintuża biex wieħed ikun jista' jagħmel riservazzjoni direttament mill-Kunsilli Lokali fuq rikjesta tal-pubbliku jew kuntratturi. L-Assoċjazzjoni qed tesiġi li kull Kunsill ikun rappreżentat f'sessjoni ta' taħriġ u informazzjoni fid-19 ta' Novembru 2018 fis-Sala tal-Assoċjazzjoni, Il-Marsa.

61.6.7 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tat-78 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tad-19 ta’ Novembru 2018, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 77/2018 kif ukoll l-Iskeda ta’ Pagamenti Magħmula Nru 67 ta’ dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

61.6.8 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tad-79 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tas-17 ta’ Diċembru 2018, il-Minuti tal-Laqgħat Numri 77/2018 u 78/2018 ta’ dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

61.6.9 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta fejn qed tinforma lill-Kunsill illi waqqfet sezzjoni ġdida ‘Stakeholders Relations’ bil-għan li tkompli ttejjeb is-servizzi tagħha u għaldaqstant l-ilmenti li l-Kunsill ikollu fejn jidħlu servizzi mogħtija minn Transport Malta għandhom ikunu indirizzati li din is-sezzjoni.

61.6.10 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tat-80 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tal-14 ta’ Jannar 2019, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 79/2018 kif ukoll l-Iskeda ta’ Pagamenti Nru 70 ta’ dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

61.6.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Eżekuttiv, Malta Council for the Voluntary Section. Huwa qed jinforma lill-Kunsill illi peress li fit-8 ta’ Novembru 2018 il-Parlament għadda emendi fil-Voluntary Organizations Act, ser issir *information campaign* sabiex il-pubbliku in ġenerali u organizzazzjonijiet volontarji jiġu infurmati dwar dawn l-*issues* ġodda. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex meta jirċievi xi materjal, bħala parti minn din il-kampanja, iġib dan il-materjal għall-attenzjoni tal-pubbliku tal-lokalità.

61.6.12 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina fi Triq Dun Spir Gauci, Il-Munxar. Din it-talba ġiet irreferuta lill-Ministeru għal Għawdex permezz tal-*Gozo Local Councils Works Request*.

61.6.13 Il-Kunsill irċieva kopja ta’ ittra li bagħat l-Avukat Jean Paul Grech għan-nom tal-Kunsill lid-Direttur, Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura sabiex żewġ opri tal-baħar li hemm fil-*boatyard* tax-Xlendi jitneħħew għaliex dawn ma humiex jintużaw.

61.6.14 Il-Kunsill irċieva mingħand l-HSBC Bank Malta plc fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li b’effett mill-15 ta’ Frar 2019, il-bank ser jibda jiċċarġja €27 għal kull xahar bħala *maintenance fee*. Kien hemm qbil dwar dan.

61.6.15 Il-Kunsill irċieva talba sabiex bruka li qiegħda max-xtajta tax-Xlendi ssirilha puntal għas-sapport. Dan ix-xogħol diġà sar.

61.6.16 Il-Kunsill irċieva kopja ta’ artiklu li ġie ppubblikat f’gazzetta lokali dwar nuqqas ta’ ndafa u rimi ta’ skart f’Tal-Ponta, Il-Munxar. Il-Kunsill kien diġà bagħat ħaddiem u ġabar sitt boroż żibel. Iż-żibel li baqa’ qiegħed fit-tarf tal-irdum u dan irid jitneħħa minn persuni ttrenjati għal dak il-periklu.

61.6.17 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn ġejna infurmati li tista’ ssir polza tal-*Personal Accident* lill-ħaddiema u membri tal-Kunsill. Ġie deċiż li ssir polza lis-Sindku u l-ħaddiema tal-Kunsill.

61.6.18 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar Planning Control Application PC 00112/18 *to include land within development zone, to establish the planning parameters for the site, namely road alignment and levels and proposed access roads from Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi*. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill joġġezzjona.

61.6.19 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sindku ta' San Lawrenz fejn qed iwassal l-idea li f'Għawdex Illum ikunu diskussi l-irħula t'Għawdex minn aspetti li mhux tas-soltu. *Feature* dwar dan ser ikun jiswa €300. Ġie deċiż li l-Kunsill jipparteċipa.

61.6.20 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti li fix-Xlendi hemm żewġ palmiet infettati. Dawn diġà tneħħew mid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

61.6.21 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isiru *double yellow lines* ta' metru kull naħa ta' *garage* li qiegħed fi Triq Sant'Indrija, Ix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

61.6.22 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar il-Laqgħa Plenarja li ser tkun miftuħa għas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu. Il-ħlas huwa ta' €80 għal kull persuna u ser issir fil-Grand Hotel, l-Imġarr f'Għawdex.

61.6.23 Il-Kunsill irċieva talba sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-proġett Local 4 Green. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkonferma l-parteċipazzjoni.

**61.7 Il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u Assistent Uffiċjali Prinċipali**

61.7.1 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali. Is-Sindku ppreżentat ir-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali tingħata *bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarja tal-Kunsilli Lokali. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**61.8 L-Estimi Annwali 2019**

61.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2019. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2019 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi se tkun ta' €279,147.00. Dan ifisser li ser ikun hemm żieda ta' €11,917.00 mill-allokazzjoni tas-sena 2018. Dawn l-estimi ser jiġu ppreżentati fil-laqgħat tal-lokalità.
Il-Kunsill approva dawn l-estimi.

**61.9 Approvazzjoni tal-Quarterly Report Jannar-Settembru 2018 (it-tielet kwart)**

61.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart tat-tielet kwart Jannar-Settembru tas-sena finanzjarja 2018.
Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**61.10 Approvazzjoni tar-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar sejħiet**

61.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni dwar din is-sejħa:

- *Tender Ref: MXR/006/2018 – Tender for Resurfacing and Ancillary Works of Triq Munxar, Il-Munxar, Gozo.*

Ġie deċiż li din it-*tender* tingħata lil Gatt Tarmac Ltd minħabba li kienet l-orħos offerta.
Kien hemm qbil unanimu.

**61.11 Impjieg ta' skrivan/a full-time**

61.11.1 Il-Kunsill ħareġ sejħa interna għal skrivan/a *full-time* skala 15 u kien hemm applikazzjoni waħda biss. Il-Kunsill iddeċieda li ssir *interview* li min applika fit-28 ta' Jannar 2019.

**61.12 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2019**

61.12.1 Skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV tal-1993), il-Kunsill u l-Kumitat huma obligati li jsejħu laqgħa pubblika annwali kull wieħed. Wara li saret konsultazzjoni maċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, qed ikun propost li l-laqgħa għall-persuni mill-Munxar li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar ser issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 2019 fis-6 ta' filgħaxija fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali.
Il-laqgħa għall-persuni mir-raħal żgħir tax-Xlendi li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar ser issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 2019 fis-6.30 ta' filgħaxija fil-Lukanda St Patrick's, Ix-Xlendi.
Il-Kunsill qassam *flyer* f'kull dar fil-lokalità u għamel avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern u ġabha fuq il-*website* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**61.13 Karnival fil-Munxar 2019**

61.13.1 Din is-sena l-Karnival fil-Munxar ser isir il-Ħadd, 24 ta' Frar 2019 fl-10:30 ta' filgħodu fil-Pjazza tal-Knisja. Din is-serata ser tkun ippreżentata mis-Sur Alvin Scicluna u ser ikun hemm diversi danez, karrijiet u maskeruni. Ser jintalab servizz ta' tliet *security guards* sabiex jikkontrollaw it-traffiku u jieħdu ħsieb in-nies jaqsmu l-*main road* għal waqt is-serata.

Is-Sindku pproponiet sabiex il-Kunsill iġib il-Kantanta Marisa D'Amato sabiex tkanta fiċ-Ċentru Parrokkjali lejlet il-Festa ta' San Pawl. Il-prezz ser ikun ta' €150. Kien hemm qbil dwar dan.

**61.14 Proposta għall-permess ta' żvilupp PA2406/18**

61.14.1 Kien sar appell u ser jinstema' fid-29 ta' Jannar 2019. Il-Kunsill ser jitlob sabiex l-appell jibda jinstema' Għawdex.
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Ministru Joe Mizzi, Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma qed joffri b'xejn lir-raħħala sistema ta' tisfija tad-demel tal-bhejjem. Issa dan il-permess ser jiġi rrilevanti.

**61.15 Fondi tal-EU għal restawr tat-Torri tax-Xlendi (ERDF.PA5.0120)**

61.15.1 It-tieni sejħa għar-restawr tat-Torri minn barra għalqet u ntefgħet offerta waħda li l-ammont qabeż bi €30,000. Il-perit tal-proġett qed jissuġġerixxi li din l-offerta tingħata u din id-differenza tinħareġ minn *line items* oħra li huma *over budgeted*. Huwa ntalab lista riveduta ta' stimi ta' xogħlijiet tal-proġett kollu sabiex il-Kunsill jitlob approvazzjoni lill-PPCD.

**61.16 Proposta ta' ġemellaġġ**

61.16.1 Is-Sindku għaddejja bil-kuntatti tagħha sabiex isir gemellaġġ ma' xi lokalità fi Sqallija. Aktar informazzjoni ser tingħata fil-laqgħa li jmiss.

**61.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

61.17.1 Ma kienx hemm rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għaliex ma saret l-ebda laqgħa.

**61.18 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

61.18.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 61-2019(16_01_19) li tkopri l-perjodu mis-6 ta' Novembru 2018 sas-16 ta' Jannar 2019 għall-ammont totali ta' €42,622.80 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Paul Curmi – Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**61.19 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

61.19.1 Il-laqgħa aġġornat fis-7:30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Frar 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 63-2019(20_02_19) li nżammet nhar l-Erbgħa, 20 ta' Frar 2019.

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Sindku